MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Talba Numru. 1349/2005

**Michael u Alice konjugi Chetcuti**
**vs**
**Sindku u Segretarju Ezekuttiv Kunsill Lokali, B'kara, u b'digriet tal-24 ta' Ottubru, 2005 giet ordnata korrezzjoni fis-sens li jitnizzlu "Doris Borg u Anthony Tabone" qabel il-kliem "Sindku u Segretarju Ezekuttiv"**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Gunju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u erbghin lira Maltija (Lm440.00) rapprezentanti spejjez ta' tiswija u riparazzjoni illi l-atturi kellhom jezegwixxu fil-proprjeta` taghhom, senjatament in konnessjoni mad-drain connections fil-bankina, u dan b'segwitu ta' xogholijiet illi gew ezegwiti minn persuni fuq inkarigu tal-Kunsill konvenut, u liema xogholijiet ma gewx ezegwiti skond is-sengha u l-arti.**
**Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali datata Mejju, 2005, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fl-1 ta' Lulju, 2005 fejn intqal:**
**i. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.**
**ii. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta bit-terminu ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16.**
**iii. Fit-tieni lok illi mhux minnu illi l-Kunsill Lokali ta' B'Kara huwa responsabbli ghal xi hsarat li allegatament gew ikkawzati fil-fond proprjeta` ta' l-atturi.**
**iv. Illi x-xogholijiet saru kollha skond is-sengha u l-arti kif sorveljati u certifikati mill-Perit Arkitett tal-Kunsill Lokali u ma hemm ebda konnessjoni bejn ix-xogholijiet maghmula fuq inkarigu tal-Kunsill Lokali fit-triq de quo u l-allegati hsarat reklamati mill-atturi.**
**v. Illi se mai u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici kellha tigi diretta kontra l-kuntrattur li hadem fuq il-lok u dan ghax hu biss seta' kien negligenti fix-xogholijiet minnu ezegwiti.**
**vi. Illi minghajr pregudizzju u anzi in segwitu ghal dak premess fil-hames paragrafu ta' dawn l-eccezzjonijiet, ikun opportun illi jkun kjamat fil-kawza appuntu l-kuntrattur li hadem dawn ix-xogholijiet li allegatament kkawzaw il-hsarat fil-fond ta' l-atturi sabiex jirrispondi hu ukoll ghall-eghmil tieghu.**
**vii. Finalment illi s-somma mitluba hija wahda esagerata u ghandha tigi gustifikata.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kollha kontra l-atturi, inkluzi l-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju, 2005.**

**Semgha x-xhieda ta' Michael Chetcuti. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Din id-decizjoni hi limitata dwar it-tieni eccezzjoni sollevata, cioe` illi l-azzjoni attrici hija preskritta bit-terminu ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16.**
**2. F'dan il-kuntest jigi rilevat li l-kaz jirrigwarda spejjez ta' tiswija u riparazzjoni illi l-atturi kellhom**

**jezegwixxu fil-proprjeta` taghhom, in konnessjoni mad-drain connections fil-bankina.**
**3. Jirrizulta li x-xogholijiet ta' tiswija saru fis-7 t'Ottubru, 2004. Din il-kawza infethet fil-21 ta' Gunju, 2005, u f'Mejju, 2005 intbaghtet ittra ufficjali. Ma hemmx dubbju li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, cioe` li l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-Art.2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ma treggix u ghandha tigi michuda.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni li l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u jordna l-prosegwiment fil-meritu.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------